# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 8 ta' Frar 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**vs**
**Joseph Apap**

**Kumpilazzjoni Nru: 1224/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Apap u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 196471M.

Akkuzat talli fl-10 ta' Dicembru, 2014, ghall-habta tal-11:00 ta' filghodu f'Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqeighed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Faith Jezz Mohammed, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 76358(A), skont kif iccertifikat it-Tabiba Maria Grech MD (Med. Reg. 3388), tal-Isptar Mater De;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, uza kliem jew imgieba ta' theddid, abbuzivi jew insolent, jew xort'ohra gab ruhu b'dak il-mod, bil-hsieb li b'hekk qajjem mibeghda razjali kontra xi persuna ohra jew grupp

ta’ persuni fuq bazi ta’ generu, identita’ tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, origini etnika, religjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra jew b’hekk holqt il-probabbilita’ li, emta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibgheda razzjali;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tapplika l-provvediment tal-Artikoli 383 jew 384 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali permezz ta’ liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja kif mahsub f’l-artikoli:

a) 214, 215, u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) 214, 215, u 216(1)(a)(ii)(iii)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c) 82A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d) 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e) 382A, 383, 384, 386, u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
f) 17, 23, 31, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw incident li sehh nhar l-10 ta’ Dicembru 2014 f’ Bugibba barra l-foreign exchange ta’ W&J Coppini, f’liema incident kienu involuti l-imputat, u zewg nisa Nigerjani: Faith Jezz Mohammed u Riches Omonefe Odige. Dak in-nhar Faith Jezz

Mohammed, flimkien mat-tarbija taghha ta' erbgha xhur, u habiba taghha: Riches Omonefe Odige, marru ghand Coppini biex Faith tibghat xi flus lil ommha. Sa kemm hi kienet qed tinqeda kien hemm xi persuni ohra jistennew biex jinqdew huma ukoll, fosthom kien hemm l-imputat.

Illi fid-depozizzjoni taghha Faith Jezz Mohammed spjegat li waqt li kienet qed tinqeda l-imputat beda jghidilha: "*hey hurry up, it's not just you, you fucking black*". Faith tghid li ghall-ewwel ma rrispondiethux pero meta rat li qed jippersisti b'dan il-kliem qaltlu biex jikkalma. Riches min-naha taghha bdiet tistaqsih ghalfejn kien qed jitkellem b'dak il-mod pero Faith qaltilha biex thallih. Dak il-hin it-tarbija bdiet tibki ghalhekk Faith talbet lil Riches biex tara x'garalha[1]. Biex tmur hdejn il-pram Riches kellha tghaddi minn quddiem l-imputat. Hekk kif Riches ghaddiet minn quddiemu imbuttaha u gholla idejh biex jghatiha daqqa u hi, cioe Faith, fil-waqt li bdiet issaqsih ghalfejn qed taghmel hekk pruvat twaqqfu milli jagredixxi lil Riches. Faith tkompli tirrakkonta li fil-kollutazzjoni li zvolgiet l-imputat imbuttaha u hi waqat u habtet wiccha ma'l-art u hu gie fuqha u beda jghatiha bil-ponn. Tghid li beda hiereg id-demm minn halqha. Tghid ukoll li meta gew il-pulizija hu kien ghadu fuqha, jaghtiha bil-ponn. Wara li intervjenew il-pulizija hija ttiehdet l-isptar ghall-kura; bhala rizultat ta' dan l-incident hija tilfet tlett sinniet: tnejn waqaw fuq il-post ta' l-incident u l-ohra inqalat l-isptar. In kontro-ezami x-xhud rripetiet bejn wiehed u iehor l-istess affarijiet pero ziedet tghid li fil-bidu meta l-imputat qallha biex tagghel u uza l-kliem "*fucking black*" il-kaxxiera ukoll qaltlu biex jikkalma lill-imputat. Hija kompliet tinsisti li l-ewwel argument, meta l-imputat uza dak il-kliem, kien wiehed verbali; mbaghad kien hemm kollutazzjoni meta Riches marret hdejn it-tarbija u l-imputat imbuttaha u hi (cioe Faith) marret tigbdu lura.

Illi Riches Odige ukoll spjegat fid-depozizzjoni taghha li meta Faith kienet qed tinqeda l-imputat beda jirrabbja ghax deherlu li damu u beda jinsulentahom bi kliem bhal *fuck you*, u *go back to your country*. Hi bdiet tipprova tispjegalu li Faith kienet ghada qed tinqeda u biex jiehu pacenzja pero qam battibekk bejniethom. Faith qaltilha biex tinjorah lill-imputat u ma tkompliex tirrispondih, fil-waqt li l-kaxxiera qalet lill-imputat biex jikkalma. Hi kompliet tispjega li wara ftit it-tarbija ta' Faith bdiet tibki ghalhekk marret hdejha, pero taghmel hekk kellha tghaddi minn hdejn l-imputat. Hekk kif ghaddiet minn hdejh l-imputat imbuttaha

[1] Mill-atti jirrizulta li t-tarbija kienet fil-pram xi passi 'l boghod minnha.

u hi kwazi waqat fuq il-pram; indunat li kien ser jibqa' gej ghal fuqha ghalhekk ghalhekk harget idejha lura biex timbuttah . Faith giet lejhom u hu qabad jaghti lilha, beda jkaxkarha ma'l-art u jaghtiha. Riches bdiet tghajjat u tghidlu jhalli lil Faith u tghajjat biex xi hadd icempel lill-pulizija. Riches kompliet tispjega kif l-imputat u Faith baqaw imqabbdin f'xulxin u meta pruvat tghin lil Faith l-imputat kien ser jerga' jaqbad jaghtiha. L-imputat u Faith baqghu imqabbdin f'xulxin sa kemm gew il-pulizija. In kontroezami qalet bejn wiehed u iehor l-istess affarijiet pero mistoqsija jekk uzatx umbrella fil-kors ta' l-incident hija, fil-waqt li tghid li kien hemm xi hadd li kellu umbrella, cahdet li hi kienet dik il-persuna.

Illi Anthea Marsala, l-persuna impjegat ma' Coppini u li kienet qed taqdi lil Faith, tressqet bhala xhud. Hija tghid li kienet qed taqdi lil wahda mara jisimha Faith li kienet qeghda ma' mara ohra u kien hemm l-imputat li beda jghidilhom biex jghagglu; dak il-hin kull ma kien baqa kien li Faith tiffirma xi dokumenti. Iz-zewg nisa qalulu li dalwaqt kienu ser ilestu pero hu beda jghidihom dak li hi iddekriviet bhala "*kliem hazin*" inkluz "*fuck you black nigger*". Ix-xhud sikktietu u ghal mument kwieta pero wahda min-nisa marret hdejn il-baby u kellha tghaddi minn hdejn l-imputat u minn hemm beda hafna ghajjat u glied; minhabba il-konfigurazzjoni tal-post ix-xhud ma setghetx tara kif bdiet il-glieda pero harget biex tghid lil xi hadd icempel lill-pulizija fil-waqt li hi cemplet lill-imghallem taghha.

Illi l-pulizija, kemm mid-distrett kif ukoll mit-taqsima ta'l-RIU, fil-fatt waslu ftit wara; WPS274 Francesca Quattromani kienet wahda minn dawn il-pulizija. Fid-depozizjzoni taghha hija spjegat li meta waslu fuq il-post raw lill-imputat ghal irkupptejh fuq mara, li wara li rrizulta li kienet Faith Jezz Mohammed, qed jaghtiha bil-ponn; il-mara l-ohra (Riches Odige) kienet qed tipprova taqla lill-imputat minn fuq Faith. Il-pulizija waqqfu lill-imputat, dahhluh fil-karozza taghhom u haduh l-ghassa. Gie notat ukoll  li din Faith Jezz Mohammed kellha demm ma wiccha u xi snin nieqsin. WPS274 qalet li anke l-imputat kellu xi grief ghalhekk qabel ma ttiehed il-lock up haduh ic-centru tas-sahha tal-Mosta.

Illi mic-CCTV li hemm mal-faccata ta' Coppini ttiehed filmat li juri (minghajr sound), in parti, dak li gara; fil-filmat jidher car dak li gara minn x'hin l-imputat wasal ghand Coppini u l-bidu tal-kolluttazzjoni. Peress li wara ftit hin ta' glied il-persuni koncernati resqu ftit 'l isfel fuq il-bankina ma setghux jinqabdu fil-filmat. Ghandu jinghad li fil-filmat

jidhru diversi persuni li ukoll kienu qed jistennew fil-queue ghand Coppini u li ovvjament kienu qed jaraw x'qed jigri, pero hadd minnhom ma tressaq bhala xhud[2].

Illi fil-bidu tal-filmat jidhru xi nies qed jistennew f'l-entrata ta' Coppini inkluz Riches Odige li kienet bil-wieqfa hdejn il-pram fejn kien hemm it-tarbija ta' Faith; Faith tidher qeghda mat-tieqa qed tinqeda u xi kultant tghid xi haga lil Riches. F'0:23mins jidher ghall-ewwel darba l-imputat fil-filmat; u f'1:20mins Riches tidher qed titlaq minn hdejn il-pram u tmur hdejn Faith. Minn 2:46mins iz-zewg nisa (l-aktar Riches) jidhru li qed jitkellmu ma l-imputat, eventwalment jieqfu ghal ftit skondi, u f'4:22mins Riches tidher qed tibda miexja lejn il-pram. Malli tasal quddiem l-imputat (4:24mins) dan jidher qed johrog idejh ix-xellugijja (u li fuqha kien liebes l-arlogg) u jimbotta lil Riches minn darha. Immedjatament wara Riches tidher qed tfajjar idejjha lura u l-imputat qed jigri ghal fuqha; mbaghad tidher Faith qed tigri wara l-imputat u tipprova taqbdu minn daru biex twaqqfu milli jkompli jaggredixxi lil Riches. Minn hemm il-glieda iddegenerat f'taqtiegha bejn it-tlett persuni involuti sa kemm l-imputat u Riches jidhru qed jaqaw ma'l-art 'l barra mill-filmat. Ghandu jinghad li eventwalment Riches tidher qed iggib umbrella minn gol-pram u titlaq tigri biha fid-direzzjoni fejn kien hemm l-imputat u Faith.

Illi f'dan l-incident minbarra it-telf tas-snien Faith Jezz Mohanmmed soffriet xi abrazzjoniijiet fuq wiccha.

Illi tressaq ukoll bhala xhud Dr John Vella Bardon id-dentist li nvista lil Faith Mohammed fis-19 ta' Dicembru 2014 u kkonferma li hija kienet tiflet tlett sinniet. Mill-kostatazzjonijiet li ghamel, inkluz il-ferita u infjammazzjoni hafifa, seta' jikkonferma li dawk is-sinniet kienu ilhom xi ftit granet li nqalghu. Dan ix-xhud jghid ukoll li mill-ezami li ghamel ikkonkluda ukoll li Mohammed kienet tbaghti minn mard genetiku tal-hanek.

[2] Is-surgent li investigat il-kaz tghid li kollha xtaqu jibqghu anonimi. Ghandu jingha li s-surgent hadet il-verzjoni ta' dawn il-persuni, liema verzjoni hija riprodotta f'l-okkorennza dwar l-incident; la darba pero dawn il-persuni ma tressqux bhala xhieda il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dak li qalu dawn il-persuni.

Illi l-imputat mhux biss irrilaxxja stqarrija imma anke ddepona quddiem din il-Qorti. F'l-istqarrija jghid li kien qieghed fil-queue jistenna u peress li kien mghaggel u Faith kienet qed iddum biex tinqeda qallha "*please hurry*"; ghal dan il-kliem Riches qaltlu "*mother fucker you're a racist*". Ghal dan id-diskors hu rreagixxa billi qallhom "*fuck your country nigra*[3] *go to your country*". Hu kompla l-istqarrija billi qal li hu ta daqqa ta ponn biex jiddefendi lilu nnifsu wara li wahda minnhom pruvat taqbdu minn ghajnejh. Jghid li mbaghad hu u wahda minnhom waqaw ma'l-art u hu beda jghatiha fuq idejha biex titilqu ghax kienet qed izzommu mill-qalziet; l-ohra marret iggib umbrella u bdiet taghtih biha. L-imputat jghid ukoll li kien hemm wahda mara Maltija u bdiet tghidlu biex ma jsawwathiex (lil Faith).

Illi meta iddepona quddiem il-Qorti qal li meta hu qalilhom biex jghagglu wahda minnhom (mid-deskrizzjoni kien qed jirreferi ghal Riches) qaltlu "*fuck your mother you fucking racist*", u sar xi diskors iehor bejnithom. Ftit wara wahda tleqghet minn hdejn it-tieqa u x'hin ghaddiet minn hdejh taghtu "*wahda b'spallitha*" u hu qallha "*don't do it, don't do it, fuck you, fuck your mother, fuck your country, what are you doing here? You know why? because your country will shoot people like you*". Hu jkompli jghid li mbaghad giet ghalih b'l-umbrella u qallha "*don't fight me*" u taha "*side kick, semi-contact sakemm baghtaha mal-hajt*". Dak il-hin giet l-ohra minn warajh u hatfithu u dahhlet difrejha f'ghajnejh, hu beda jghidilha biex ma tmissux. Kompla jirrakkonta li ghamillha "*wahda hekk u nimbuttaha go wiccha.. b'idi imma mhux b'idhi bill-ponn*". L-imputat kompla jirrakkonta li hu baqa jghidilhom "*don't fight me*" pero regghu gew jattakkawh u (dejjem fi kliemu) "*ghidt issa le u pum pum pum, bhal Stephen Segal bdejt naghmel, ghax jien champion tal-kick boxing. U bdejt intihom bhal Stephen Segal*". L-imputat zied li wahda (Faith) dahhlet idejha fil-qalziet biex tipprova tigdimlu l-parti tieghu u waqghu ma'l-art. L-imputat jghid ukoll li snien Faith kienu diga waqghu meta nqala l-incident. F'dan l-incident l-imputat soffra grief f'diversi partijiet ta'gismu.

Ikkunsidrat

Illi minn dan ir-riassunt tal-provi jidher car li hemm kunflitt fis-sens li skond il-verzjoni ta' Faith Jezz Mohammed u Riches Odige kien biss l-

[3] Skond hu il-femminil ta' *nigger*.

imputat li uza certu kliem u kien hu li aggredihom, u li huma kull m'ghamlu kien li ddefendew lilhom infushom u zammew lill-imputat biex ma jitlaqx qabel ma jigu l-pulizija. L-imputat jghid l-oppost u cioe li kienet Riches li aggredietu l-ewwel, segwietha minn Faith u li kull ma ghamel hu kien iddefenda lilu nnifsu. Dwar id-diskors li ntqal, iz-zewg nisa jghidu li kien l-imputat li qal kliem bhal *fuck you*, *niggers*, *go back to your county* ecc; l-imputat min-naha l-ohra jghid li hu qal dak id-diskors bhala reazzjoni ghal kliem simili li qaltlu Riches. Hemm kunflitt ukoll dwar jekk Faith Mohammed tilfet is-snien f'l-incident jew qabel.

Illi dan il-kunflitti pero huma rizolvibbli ghaliex jezistu provi ohra; dawn il-provi jaghtu in gran parti kredibilita liz-zewg nisa involuti. Dwar id-diskors li ntuza xehedt ukoll Anthea Marsala; hi ikkonfermat li kliem *hazin* inkluz "*fuck you black nigger"* qalu l-imputat. Aktar minn hekk jezisti il-filmat li juri minghajr dubbju li kien l-imputat li l-ewwel agredixxa lil Riches meta imbuttaha, u li Riches tefghet idejha lura lejh bhala reazzjoni ghal din l-imbuttatura; il-filmat juri ukoll li Faith inizjlament involviet ruhha biex izzomm lill-imputat milli jkompli jaghti lil Riches. Dwar meta tilfet is-snien Faith hemm il-korroborazzjoni ta' Dr Vella Bardon li kkonferma li Faith kienet tilfet snienha ftit granet qabel ma invistaha; huwa invistaha fid-19 ta' Dicembru 2014 u l-incident sehh f'l-14 ta' Dicembru 2014. Il-Qorti hija ghalhekk konvinta li tista' taghti kredibilita lill-verzjoni taz-zewg nisa[4]. Dan il-Qorti tista' taghmlu anke wara li kellha l-opportunita tara u tisma lill-partijiet involuti waqt li kienu qed jiddeponu[5].

Ikkunsidrat

Illi ai termini tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali l-imputat qed jigi addebietat bi tlett imputazzjonijiet:

1. li kkawza offiza ta' natura gravissima u gravi fit-termini ta'l-artikoli 218(1)(a)(b) u 216(1)(a)(ii)(iii)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. li xewwex mibeghda razzjali fit-termini ta'l-artikolu 82A tal-Kapitolu 9; u

[4] Ghandu jigi rilevat li l-filmat jiskredita lil Riches f'dik il-parti tar-rakkont taghha (in kontroezami) meta tghid li hi qatt ma kellha umbvbrella f'idejha ghakuiex fil-filmat tidher sew qed iggib umbrella mill-pram; pero huwa fuq dan il-fatt biss li hija giet kontradetta.
[5] Dwar i-x-xhieda taz-zewg nisa l-Qorti thoss li ghandha tirrileva li waqt d-depozizzjoni taghhom huma kienu qed jaqbzu 'l quddiem u lura fil-kronologija tal-fatti u dan ghandu jittiehed in konsiderazzjoni f'l-apprezzament tal-verzjoni taghhom.

3. li kiser il-bon ordni u paci pubblika fit-termini ta'l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9.

Ikkunsidrat

Illi kif diga ntqal il-Qorti hija konvinta li tista taghti kredibilita lill-verzjoni taz-zewg nisa u li kien l-imputat li provoka dan l-incident. Aktar minn hekk hija konvinta, u dan mhux biss ghax jghidu hekk iz-zewg nisa imma ghax jidher ukoll mill-filmat u del resto huwa ammess mill-istess imputat kemm f'l-istqarrija kif ukoll fid-depozizzjoni, li fil-kors ta'l-incident huwa taghhom diversi daqqiet.

Illi l-artikoli kwotati mill-Avukat Generali b'referenza ghall-ewwel imputazzoni huma l-artikoli 218(1)(a)(b) u 216(1)(a)(ii)(iii)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe l-offiza gravissima u l-offiza gravi rispettivament.

Illi offiza hija gravissima fit-termini ta'l-artikolu 218(1)(a)(b):

> *(1)....*
> *(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*
> *(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

Illi mbaghad l-artikolu 216(1)(a)(b) jipprovdi hekk:

> *L-offiża fuq il-persuna hija gravi,.....*
> *(a) jekk tista' ġġib periklu -*
> > *(i).......*
> > *(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*
> > *(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; ....*
>
> *(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

Illi l-principji li jirregolaw il-klasifikazzjoni ta' griehi ai fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti f'l-ordinament guridiku taghna. Fil-gurisprudenza huwa pacifiku li:

> *Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad...). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza.*[6]

Illi aktar minn hekk huwa stabbilit li l-Qorti tista tasal ghal konkluzzjoni differenti minn dik tat-tobba. Dan il-principju gie affermat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza mghotija fil-kawza Pulizija vs Francis Dingli[7]; hemm gie stabbilit li

> *ghall-finijiet ta'l-artikolu 216 jekk hemmx sfegju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant ... u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti.*

Illi dwar l-isfegju u mankament fil-wicc imsemmi f'l-artikoli 216 u 218 tal-Kapitolu 9 il-Qorti ta'l-Appell Kriminali tghallem li:

> *B'mankament fil-wiċċ il-ligi qed tirreferi għal kull deterjorament tal-aspett tal-wiċċ li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduċi sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alterazione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". Sfreġju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fil-regolarita'*

[6] Ref Pulizija vs Joseph Azzopardi Appel Kriminali 30.07.2004
[7] Deciza fit-12.09.1996

*tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ. Skont ġurisprudenza ormai pacifika, din il-ħsara li tammonta għal sfreġju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin*[8].

Illi aktar minn hekk l-istess Qorti ta'l-Appell Kriminali qalet li:

*Skont l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9, l-offiża fuq il-persuna hija gravi jekk, fost ċirkostanzi oħra, iġġib sfreġju fil-wiċċ. Il-Liġi ma tirrikjedix li dan l-isfreġju jipperdura għal xi żmien partikolari; sfreġju fil-wiċċ (jew fl-għonq jew f'waħda mill-idejn) anke ta' ftit ġranet jibqa' sfreġju għall-finijiet tal-imsemmija dispożizzjoni. Il-permanenza tali sfreġju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', tagħti lok għal hekk imsejħa offiża gravivissima' skont l-artikolu 218(1)(b) tal-Kap 9*[9].

Illi dwar it-telf ta' snin il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ukoll kellha l-opportunita tippronunzja ruhha. Fil-kawza Pulizija vs Paul Spagnol fuq kwotata l-Qorti qalet hekk:

*Huwa veru li s-snin mhux parti mill-wicc ghalkemm it-telf ta' hafna snin jista' jgib kemm sfegju kif ukoll mankament minhabba l-effett li jistghu jhallu fuq il-wicc u specjalment fuq ir-regjun tal-halq.*

Illi a kontrarju sensu isegwi li jekk t-telf tas-snin ma jhalli l-ebda effett fuq il-wicc allura wiehed ghandu jikkonkludi li f'dak il-kaz ma jkunx hemm sfregju jew mankament.

Illi stabbiliti dawn il-principji u b'applikazzjoni taghhom ghall-kaz in ezami l-Qorti tird issa tghaddi biex tara jekk l-griehi li sofferti minn Faith Jezz Mohammed jaqawx taht definizzoni ta' xi wahda mid-dispozizzjonijiet imsemmija mill-Avukat Generali u hawn fuq kwotati.

Illi huwa fatt stabbilit li bhala rizultat ta'l-agressjoni Faith Mohammed tilfet tlett sinniet u eventwalment kellha tinqala ohra u kellha xi abazzjonijiet zghar fuq wiccha. F'dan ir-rigward ghandu jinghad li esebieti in atti hemm ukoll ritratti li juru wicc Faith Mohammed ftit wara

---

[8] Ref Il-Pulizija vs Paul Spagnol deciza fit-12.09.1996.
[9] Ref  Il-Pulizija vs Fortunato Sultana deciza fit-05.02.1998.

l-incident; naturalment l-Qorti kellha ukoll l-opportunita li taraha darbtejn: meta xehedt u meta sarilha l-kontroezami. Meta l-Qorti rat lil Faith setghet tikkonstata li l-abbrazzjonijiet ma hallew l-ebda sinjal vizibbli u li t-telf tas-snin ma halla l-ebda effett fuq wiccha. Aktar minn hekk mir-ritratti esebieti ma jidhirx li Faith soffriet minn xi *sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo....del volto* u lanqas qatt ma kellha *ħsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ,* lanqas ghal zmien qasir. Konsegwentement is-subartikolu (b) ta'l-artikolu 216(1) u 218(1) mhux applikabbli.

Illi aktar minn ma nhiebet l-ebda prova li t-telf tas-snien *ikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem,* (fil-kaz in ezami il-halq jew il-wicc) *jew gab difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem* jew seta' jgib perikolu ta' tali debulizza u/jew difett. Anzi l-unika prova li ngiebet hija li l-kundizzjoni li kienet tbaghti minnha Faith Mohammed fil-hanek kienet wahda genetika u mhux rizultat tat-telf tas-snin jew tad-daqqiet li qalghat f'l-incident. Konsegwentement lanqas m'huwa applikaabbli s-subartikolu (a) ta'l- artikolu 216(1) u 218(1).

Illi minkejja dan hadd ma jista' jichad li Faith Mohammed soffriet griehi; dawn ai fini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jikklassifikaw bhala griehi hfif fit-termini ta'l-artikolu 221 ghalhekk l-imputat ghandu jinstab hati tar-reat minuri ta'offiza ta' natura hafifa, reat kompriz u involut f'l-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ravvizat f'l-artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ai termini ta' liema jikkommetti reat

> *Kull min juża kliem jew imġieba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew jesibixxi xi materjal miktub jew stampat li jkun ta' theddid, abbużiv jew insolenti, jew xort'oħra jġib ruħu b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk iqajjem vjolenza jew mibegħda kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b'hekk*

*joħloq il-probabbiltà li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibegħda razzjali.*

Illi din id-dispozizzjoni giet inkluza fil-Kodici Kriminali fis-sena 2001. Ir-ragunijiet ghalfejn giet inkluza din id-dispozizzjoni f'l-imsemmi Kodici gew elaborati mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza mghotija fil-kawza f'l-ismijiet Il-Pulizija vs Stephen Chetcuti[10]:

> *Ma hemmx dubbju li l-liberta` ta' l-istampa kif ukoll il-liberta` ta' l-espressjoni huma fondamentali f'socjeta` demokratika, u ghalhekk ir-restrizzjonijiet ghal tali libertajiet ghandhom ikunu limitati ghal dak li huwa strettament necessarju biex jigu protetti valuri u drittijiet ohra, xi whud minnhom importanti daqs l-istess dritt ghall-liberta` ta' espressjoni u ta' l-istampa.* ***Fost dawn id-drittijiet l-ohra hemm id-dritt li persuna tipprotegi r-reputazzjoni taghha, kif ukoll id-dritt li persuna (jew grupp ta' persuni) ma tigix insultata jew esposta ghal disprezz minhabba, fost affarijiet ohra, ir-razza, twemmin jew origini nazzjonali jew etnika taghha. Ir-razzizmu huwa, sfortunatement, fenomenu li qed jerga' jerfa rasu f'diversi pajjizi – fatt dan li din il-Qorti tista' tiehu konjizzjoni gudizzjarja tieghu – u huwa proprju ghalhekk li hafna pajjizi (inkluza Malta) u l-komunita` internazzjonali jghaddu ligijiet u jiehdu mizuri[11] biex jppruvaw jarginaw jew jaghmlu tajjeb ghall-hsara li tali razzizmu necessarjament igib fit-tessut socjali[12].***

Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisit r-reat kontemplat f'l-artikolu 82A ghamlet ezami approfondit l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Norman Lowell[13]. F'dik is-sentenza il-Qorti ikkonfermat li dak li huwa mehtieg huwa l-*actus reus*: l-uzu ta' kliem ta' theddid, abbużivi jew insolenti, u l-*mens rea*: cioe l-intenzjoni li jqajjem vjolenza jew mibegħda kontra xi persuna oħra minhabba ir-razza jew oriġini etnika. Dik il-Qorti ikkonfermat ukoll li mhux necessarju li b'eghmilha l-persuna imputata effettivament tqajjem mibgheda jew vjolenza razzjali imma huwa sufficjenti li l-kliem uzat johloq il-probabilita ta' vjolenza jew mibgheda razzjali. Dik il-Qorti in oltre qalet li l-probabilita

---

[10] Deciza fis-07.11.2003.

[11] Il-Qorti ta'l-Appell Kriminali hawn qed tirreferi ghall-introduzzjoni ta'l-imsemmi artikolu 82A TAL-Kodici Kriminali.

[12] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

[13] Deciza fil-15.07.2013.

li l-kliem adoperat jista' jirrizulta fi vjolenza jew mibgheda razzjali ghandha tigi evalwata fic-cirkostanzi ta' fejn u fil-prezenza ta' min intqal il-kliem.

Illi kif diga ntqal aktar 'l fuq jirrizulta ampjament li meta Faith Mohammed kienet qed tinqeda ghand Coppini l-imputat, li kien fil-queue qed jistenna, qallhom il-kliem *fuck you black nigger*, *fuck you*, *fuck your country*, *go back to you country* u kliem iehor simili. Dak il-hin kien hemm nies ohra qed jistennew biex jinqdew, u kien hemm nies ghaddejjin fuq il-bankina li setghu jaraw u jisimghu dak li qed jintqal.

Illi fil-fehma tal-Qorti m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li f'kwalunkwe socjeta civilizzata kliem bhal dak li ntqal mill-imputat ghandu jitqies bhala kliem ta' abbuziv u insolenti u m'ghandu jigi accettat f'l-ebda cirkostanzi. Jekk l-imputat hassu urtat ghax deherlu li Faith Mohammed kienet qed iddum biex tinqeda u xtaq li jesprimi dan is-sentiment zgur li ma kellux ghalfejn juza dak il-kliem abbuziv u offensiv. Jekk l-imputat ghandu opinjonijiet dwar l-prezenza ta' immigranti f'pajjizna (u minn dak li qal kemm f'l-istqarrija u anke waqt id-depozizzjoni tieghu m'hemm l-ebda dubbju li ghandu opinjonijiet cari u precizi fir-rigward) zgur li ma kellux ghalfejn juza dak il-kliem offensiv biex jesprimihom.

Illi tenut kont ta' dan, tenut kont ta' l-atteggjamnet ta'l-imputat waqt li kien qed jghid id-diskors (atteggjament vjolenti li deher mill-filmat), tenut kont tal-fatt li dak id-diskors kien qed jintqal fil-pubbliku quddiem diversi nies li kienu injoti ghall-imputat, m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li b'dak il-kliem abbuziv u insolenti inholqot probabbilta ta' mibgheda u/jew vjolenza razzjali u li kienet l-intenzjoni ta'l-imputat li tinholoq din il-mibgheda.

Illi konsegwentment il-Qorti hija sodisfatta li l-imputazzjoni issa in ezami giet pruvata kif dedotta.

Ikkunisdrat

Illi permezz ta'l-ahhar imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat kontravvenzjonali ravvizat f'l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 u cioe l-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika.

Illi mill-provi processwali m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li permezz ta' l-incident in ezami, incident provokat mill-imputat, f'l-iema incident kien hemm ghajjat u vjolenza fil-pubbliku, inkiser il-paci u l-kwiet pubbliku. Din l-imputazzjoni ghalhekk tirrizulta ukoll.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni in-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni hadet in konsiderazzjoni ukoll dak li jipprovdi l-artikolu 222A(2) tal-Kapitolu 9 u cioe l-awment tal-piena stabbilita f'l-artikolu 221 bi grad jew tnejn meta r-reat ikun aggravat jew motivat fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 82A, 214, 215, 221, 222A(2) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu b'dan li fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni qed jinstab hati tar-reat minuri, kompriz u involut u cioe ta' offiza hafifa, u tikkundannah disgha xhur prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**